MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Appell Kriminali Numru. 104/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. S. Camilleri)**
**Vs**
**Ronald Nazzareno Agius**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-11 ta’ Dicembru, 2007, ghall-habta tal-17.00 hrs, gewwa Triq l-Ghannejja, B’Bugia, hebb u kkaguna feriti fuq il-persuna ta’ Donna Marie Agius hekk skond kif iccertifka Dr. J. Galea MD ta’ Zejtun Health Centre.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 t’April, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu w ikkundannatu ghal perjodu ta’ tlitt xhur prigunerija sospizi

ghal sentejn taht supervizjoni ta’ ufficjal tal-probation ai terminu tal-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 t’April, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabitu hati tal-akkuza fuq imsemmija w ikkundannatu ghall-tlitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn u minflok tillibera lill-appellant mill-istess akkuza w minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- li d-decizjoni tal-Ewwel Qorti kienet materjalment inkorretta billi l-verzjoni tal-fatti tal-appellant kienet dik korretta w verzjoni fidili ta' dak li verament gara fl-incident *de quo.* Hareg car li kienet Donna Marie Agius li pprovokat dan l-incident billi bdiet tqajjem kull argument sabiex ma tatix it-tifel lill-appellant u sabiex iddejjqu w tumiljah billi bezqitlu f' wiccu. L-appellant fl-ebda mument ma refa' idejh fuq martu biex iweggaghha izda kull ma ghamel kien li dawwarha 'l boghod minnu sabiex ma tkomplix tingurjah fil-pubbliku. Hu kien il-vittma ta' aggressjoni minn martu w ghalhekk l-Ewwel Qorti ma messha qatt sabet htija. Fit-tieni lok il-kundanna ta' prigunerija ghal tlitt xhur sospiza ghall-sentejn hija certament eccessiva tenut kont li kif jidher mic-certifikat mediku ma kienx hemm fatti serji li jimmeritaw tali piena. Kien hemm biss nefha taht l-ghajn u ghalhekk din ma twassalx ghall-konvinciment li l-appellant taha daqqtejn ta' ponn  b' sahha kif xehdet hi.

Semghet ix-xhieda mill-gdid,

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikonsidrat,

Illi mill-provi mismugha minn din il-Qorti jidher li l-incident in kwistjoni inqala' fil-kors ta' skambju tal-access tat-tifel minuri tal-appellant u l-parte civile fejn, wara diverbju dwar hlas ta' manteniment, u waqt li l-parte civile kienet vicin il-car taghha qed iddahhal lil binha lura fil-car bla ma kkonsenjatu lill-appellant, din tallega li nghatat daqqtejn ta' ponn f' wiccha minn zewgha l-appellant. L-appellant jichad dan u jghid li : "*She spat at my face from very close by and her friend said : "Why did you do that?" I pushed from her shoulder, not her face."* In kontro-ezami pero' qal : *"I cannot explain the mark on her face."*

F' din l-allegazzjoni, Donna Marie Agius hi pjenament korroborata minn Kenneth William Donaldson li hu anzjan, habib ta' missierha, li kien akkompanjaha meta marret biex tati t-tifel lill-appellant. Dan ix-xhud ra kollox u xehed li : *"She came to the car and he followed her…She opened the back door to put the child in…<u>He hit her twice on the face with his fists</u>…...He was extremely angry. She did not hit him."*

Inoltre hi korroborata mill-fatt li c-certifikat mediku esebit (Dok. B a fol. 4) jikkonferma li kellha <u>*"nefha hafifa taht l-ghajn tal-lemin minghajr tbengil."*</u>

Ikkonsidrat;

Illi kif gie ritenut f' cirkostanzi analogi minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Joseph Thorne"** [9.7.2003] :-

*"….mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux. Apparti li hemm …. xiehda li jghidu li l-appellant hebb ghall-martu w ta' daqqa ta' ponn lill-ommha Lucia Micallef, hemm il-prova indiretta w indizjarja tal-ferita fuq mohh Lucia Micallef kif certifikata mit-tabib li l-appellant ma setax jaghti spjegazzjoni*

*ghaliha. Dan l-element ta' "circumstantial evidence" serjament jimmina l-kredibilita' tal-appellant u jwassal biex il-mizien tal-kredibilita' jxaqleb b'mod li jwassal sal-grad tal-konvinciment morali kontra l-versjoni tal-appellant."*

F' dan il-kaz din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti, hija sodisfatta sal-grad tac-certezza morali rikjest fil-proceduri kriminali li l-appellant verament ta' daqqiet ta' ponn f' wicc martu w li b' hekk ikkagunalha l-offiza ta' natura hafifa certifikata minn Dr. Galea.

Pero', mid-deskrizzjoni ta' din il-ferita jidher li din kienet wahda addirittura ta' importanza zghira meta jigi kkonsidrat sew l-effett fuq il-gisem tal-offiz kemm moralment. B' dana kollu, fil-kaz ta' offiza fuq il-persuna tal-mara tal-hati xorta wahda hu soggett ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlitt xhur **jew** il-multa skond l-art. 221 (3) (a) u 222 (1) (a) tal-Kodici Kriminali, l-istess bhallikieku l-offiza kienet wahda ta' natura hafifa minghajr dan l-attenwanti.

Ghalkemm jidher li atteggjament ta' mart l-appellant seta' fic-cirkostanzi ezasperah, hu qatt ma kien gustifikat li jerfa' idejh fuqha kif irrizulta li ghamel u ma jirrizultax li dak li ghamel sar taht provokazzjoni kif jissottometti l-appellant. Pjuttost sar fil-kuntest ta' piki bejn iz-zewg mizzewgin li jikkonfondu d-dritt tal-access tal-genituri ghall-minuri mal-obbligu tal-genitur li jhallas manteniment, bl-ideja zbaljata - kif jigri ta' spiss - li dawn jistghu jigu kompensati ma xulxin.

Ghalhekk l-appell fil-mertu qed jigi michud, hlief biss ghall-kwalifika jew deskrizzjoni tal-offiza kif fuq intqal.

Dwar il-piena, wara li qieset ic-cirkostanzi partikolari w t-tenwita tal-kaz, din il-Qorti tara li jkun aktar opportun li jkun hemm piena pekunjarja minn sentenza ta' prigunerija sospiza.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata, billi fil-waqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati ta' offiza

hafifa fuq il-persuna ta' martu, izzid maghha li din l-offiza, kienet ta' importanza zghira w tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta' tlitt xhur prigunerija sospizi ghall-sentejn taht supervizjoni ta' ufficjal tal-probation ai termini tal-artikolu 28G tal-Kap.9 u, minnflok tikkundannah ghall-multa ta' mitt Ewro (E 100) u b' zieda ma dan, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Donna Marie Agius, flimkien mall-piena, qed torbot lill-appellant b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' elf Ewro (E1000) biex b' ebda mod ma jimmolesta jew jaggredixxi lill-istess Donna Marie Agius, ghall-periodu ta' tnax il-xahar mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------